MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-22 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 214/2005

**A B**

**-vs-**

**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attriċi preżentat fis-26 ta’ Ottubru 2012 li permezz tiegħu talbet li t-talba tagħha għal separazzjoni personali titqies ukoll bħala talba għal divorzju skont l-artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili;
Rat ir-risposta tal-konvenut preżentata fit-8 ta’ Frar 2013;
Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta’ Jannar 2013 fejn ir-rikors tħalla għas-sentenza dwar il-pronunzja ta’ divorzju din it-talba;

Illi fir-risposta tiegħu il-konvenut joġġezzjona li l-Qorti għandha tilqa’ t-talba għall-fatt li huwa jsostni li għandu

pretensjoni ta’ manteniment fil-konfront tal-attriċi għaliex huwa f’pożizzjoni finanzjarja ħażina. Madankollu sal-lum ma hemm ebda digriet jew xi ordni tal-Qorti f’dan is-sens, u allura din l-oġġezzjoni ma għandhiex wisq piż.

Illi r-rekwiżiti l-oħra skond l-artikolu 66F imsemmi jirrikorru kollha mill-atti stess tal-kawża;

**Għaldaqstant il-Qorti tilqa’ t-talba kontenuta fir-rikors imsemmi u tordna li t-talba sabiex il-pronunzja ta’ separazzjoni personali bejn il-partijiet titqies bħala talba għal divorzju skont l-Artikolu 66F fuq imsemmi.**

**L-ispejjeż ta’ din is-sentenza jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------